ISSN 1725-5198

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 58

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 52

12 ta' Marzu 2009

Avviż Nru | Werrej | Paġna

I *Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet*

OPINJONIJIET

**Il-Bank Ċentrali Ewropew**

2009/C 58/01 Opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-23 ta' Frar 2009 dwar proposta għal regolament li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2494/95 fir-rigward ta' standards minimi għat-trattament ta' prodotti staġunali fl-Indiċijiet Armonizzati tal-Prezzijiet tal-Konsumatur (CON/2009/14) ... 1

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni**

2009/C 58/02 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.5399 — Mubadala/Rolls Royce/JV) [1] 4

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni**

2009/C 58/03 Rata tal-kambju ta' l-euro ... 5

MT

(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE



*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

2009/C 58/04 Informazzjoni fil-qosor ikkomunikata mill-Istati Membri dwar għajnuniet mill-Istat mogħtija skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuniet mill-Istat lill-impriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001 ........ 6

INFORMAZZJONI DWAR L-ISPAZJU EKONOMIKU EWROPEW

**L-Awtorità ta' Sorveljanza EFTA**

2009/C 58/05 Awtorizzazzjoni għall-għajnuna mill-Istat skond l-Artikolu 61 tal-Ftehim taż-ŻEE u l-Artikolu 1(3) fil-Parti I tal-Protokoll 3 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti ........ 10

2009/C 58/06 Awtorizzazzjoni ta' għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 61 tal-Ftehim ŻEE u l-Artikolu 1 (3) f'Parti 1 tal-Protokoll 3 tal-Ftehim tas-Sorveljanza u tal-Qorti ........ 11

2009/C 58/07 Awtorizzazzjoni ta' għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 61 tal-Ftehim ŻEE u l-Artikolu 1 (3) f'Parti I tal-Protokoll 3 tal-Ftehim tas-Sorveljanza u tal-Qorti ........ 12

2009/C 58/08 Awtorizzazzjoni ta' għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 61 tal-Ftehim taż-ŻEE u l-Artikolu 1(3) f'Parti tal-Protokoll 3 tal-Ftehim tas-Sorveljanza u tal-Qorti ........ 13

2009/C 58/09 L-Awtorità ta' Sorveljanza EFTA sabet li l-miżuri segwenti ma jikkostwixxux għajnuna skont it-tifsira tal-Artikolu 61 tal-Ftehim taż-ŻEE ........ 14

2009/C 58/10 Deċiżjoni biex tingħalaq l-investigazzjoni formali dwar l-iskema "Għajnuna reġjonali għat-trasport ta' injam ġej minn siġar żgħar msajġrin, li ma ġewx maqtugħin bis-sega, u li xi drabi jitħallew bil-qoxra" 15

2009/C 58/11 Festi pubbliċi fl-2009: Stati ta' l-EFTA fiż-ŻEE u l-istituzzjonijiet taż-ŻEE ........ 16

MT

I

*(Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet)*

# OPINJONIJIET

# IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## OPINJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**tat-23 ta' Frar 2009**

**dwar proposta għal regolament li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2494/95 fir-rigward ta' standards minimi għat-trattament ta' prodotti staġunali fl-Indiċijiet Armonizzati tal-Prezzijiet tal-Konsumatur**

**(CON/2009/14)**

(2009/C 58/01)

### Introduzzjoni u bażi legali

Fil-5 ta' Jannar 2009 il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) irċieva talba mill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għal opinjoni dwar proposta għal regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall- implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2494/95 fir-rigward ta' standards minimi għat-trattament ta' prodotti staġunali fl-Indiċijiet Armonizzati tal-Prezzijiet tal-Konsumatur (HICP) (minn issa 'l quddiem "l-abbozz tar-regolament").

Il-kompetenza tal-BĊE li jagħti opinjoni hija bbażata skond l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 105(4) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunita' Ewropea. Skond l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 17.5 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kunsill Governattiv adotta din l-opinjoni.

### 1. Osservazzjonijiet Ġenerali

B'mod ġenerali, il-BĊE jilqa' l-abbozz tar-regolament li għandu jkattar il-kumparabbilta tal-HICP. It-trattament ta' partiti staġunali hija waħda mill-itwal kwistjonijiet ta' armonizzazzjoni li ġiet diskussa fil-kuntest ta' l-iżvilupp tal-HICP. Bħalissa, it-trattament ta' partiti staġunali jvarja b'mod sostanzjali tul l-Istati Membri, li jwassal għal HICPs li ma jistgħux jiġu mqabbla b'mod sostanzjali. Dan ikompli jwassal biex ikun hemm diffikultajiet fl-interpretazzjoni ta' l-indiċijiet taż-żona ta' l-euro għal ċerti gruppi ta' prodotti u jista' jirriżulta wkoll fi problemi fl-HICP tal-partiti kollha.

### 2. Osservazzjonijiet speċifiċi

2.1 Madankollu, l-abbozz tar-regolament xorta jippermetti żewġ metodi differenti għat-trattament ta' prodotti staġunali, bl-użu ta' indiċijiet ta' piżijiet annwali stretti, jew indiċijiet ta' piżijiet staġunali marbuta ma' klassi. Filwaqt li l-abbozz tar-regolament jimponi ċerti restrizzjonijiet fuq l-implimentazzjoni ta' dawn iż-żewġ tipi ta' indiċijiet, biex ir-riżultati jkunu jistgħu jitqabblu kemm jista' jkun tul il-pajjiż, simulazzjonijiet urew li f'ċertu kundizzjonijiet iż-żewġ metodi xorta wasslu għal riżultati pjuttost differenti. Għalhekk, il-BĊE jilqa' standard aktar iebes, li jippermetti li jiġi applikat metodu wieħed biss miż-żewġ metodi, sabiex tittejjeb aktar il-kumparabbilta' tat-trattament ta' partiti staġunali. Madankollu, jekk

l-għażla bejn iż-żewġ metodi m'hix mistennija li jkollha impatt sinifikanti fuq l-HICP tal-partiti kollha, u jekk it-tneħħija ta' wieħed mill-metodi fl-abbozz tar-regolament twassal għal dewmien sostanzjali fl-adozzjoni ta' l-abbozz tar-regolament, il-BĊE jilqa' li t-trattament ta' prodotti staġunali jkun restritt għal wieħed mill-metodi f'reviżjonijiet futuri tar-Regolament.

2.2 Għal dawk l-Istati Membri li l-prattiċi kurrenti tagħhom ivarjaw sostanzjalment mill-istandards minimi deskritti fl-Artikolu 4 ta' l-abbozz tar-regolament, l-impatt fuq is-sottoindiċijiet koperti bl-abbozz tar-regolament, jista' jkun sinifikanti. Dan iwassal għal pawża statistika fl-indiċijiet li tista' twassal għal xkiel fit-tibdiliet li jsiru sena wara sena tal-HICP tal-partiti kollha. Il-BĊE jirrikonoxxi li jaf ma jkunx fattibbli għall-Istati Membri biex jirrevedu l-HICPs ippubblikati diġa' sa mill-bidu. Madankollu, il-BĊE jagħti importanza partikolari għall-kumparabbilta' u l-konsistenza taċ-ċifri tal-HICP is-sena wara l-implimentazzjoni ta' l-abbozz tar-regolament. Għalhekk il-BĊE jilqa' l-fatt jekk l-Istati Membri jirrevedu l-HICPs nazzjonali tagħhom għal ta' lanqas sena qabel l-implimentazzjoni ta' l-abbozz tar-regolament.

2.3 Billi skond it-Trattat jinħtieġ li l-BĊE jiġi kkonsultat dwar l-abbozz tar-regolament, għandha tiddaħħal ċitazzjoni fl-abbozz tar-regolment konformi ma' l-Artikolu 253 tat-Trattat.

2.4 Billi s-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali tuża l-mhux biss għall-għan imsemmi fl-Artikolu 121 tat-Trattat, imma wkoll għall-ħidmiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet tagħha relatati mal-politika monetarja skond l-Artikolu 105(2) tat-Trattat, il-BĊE jirrikkmanda li jiddaħħal *recital* fl-abbozz tar-regolament.

## 3. Proposti t'abbozzar

3.1 Meta l-parir t'hawn fuq iwassal għal tibdiliet fl-abbozz tar-regolament, qed jinhemżu proposti t'abbozzar fl-Anness.

Magħmula fi Frankfurt am Main, fit-23 ta' Frar 2009.

*Il-President tal-BĊE*

Jean-Claude TRICHET

*ANNESS*

**Proposti t'abbozzar**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE [1] |
|---|---|
| ***Emenda 1*** [ċitazzjoni ġdida proposta] | |
| "Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitá,<br>Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2494/95 tat-23 ta' Ottubru 1995 dwar l-indiċijiet armomizzati tal-prezzijiet tal-konsumatur, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 4 u l-Artikolu 5(3)," | "Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitá,<br>Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2494/95 tat-23 ta' Ottubru 1995 dwar l-indiċijiet armomizzati tal-prezzijiet tal-konsumatur, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 4 u l-Artikolu 5(3),<br>**Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew,"** |
| *Ġustifikazzjoni — Ara l-paragrafu 2.3 ta' l-opinjoni* | |
| ***Emenda 2*** [*recital* ġdid propost 5] | |
| | **"(5) L-HICP huwa indikatur importanti wżat mis-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali għall-analiżijiet tagħha relatati mat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-politika monetarja skond l- Artikolu 105(2) tat-Trattat."** |
| *Ġustifikazzjoni — Ara l-paragrafu 2.4 ta' l-opinjoni* | |

[1] It-tipa skura fit-test tindika fejn il-BCE jipproponi li jiddaħħal test ġdid.

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**

**(Każ COMP/M.5399 — Mubadala/Rolls Royce/JV)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2009/C 58/02)

Fis-16 ta' Frar 2009, il-Kummissjoni iddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test kollu tad-deċiżjoni jinsab bl-Ingliż u se jkun ippubblikat wara li jkun meħlus minn kwalunkwe sigrieti tan-negozju li jista' jkun fih. Hu jinstab:

— mill-websajt tal-kompetizzjoni ta' l-Europa (http://ec.europa.eu/comm/competition/mergers/cases/). Dan il-websajt jipprovdi faċilitajiet varji biex jgħinu jinstabu deċiżjonijiet individwali ta' fużjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u indiċi settorali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex fid-dokument numru 32009M5399. EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea (http://eur-lex.europa.eu).

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI

## Rata tal-kambju ta' l-euro (1)

## Il-11 ta' Marzu 2009

(2009/C 58/03)

**1 euro** =

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,2786 | AUD | Dollaru Awstraljan | 1,9657 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 125,35 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,6325 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4498 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 9,9165 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,92550 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 2,5266 |
| SEK | Krona Żvediża | 11,2475 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,9600 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,4772 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 889,77 |
| ISK | Krona Iżlandiża | | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 13,0033 |
| NOK | Krona Norveġiża | 8,8320 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 8,7461 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | HRK | Kuna Kroata | 7,4210 |
| CZK | Krona Ċeka | 26,963 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 15 375,17 |
| EEK | Krona Estona | 15,6466 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,7263 |
| HUF | Forint Ungeriż | 300,26 | PHP | Peso Filippin | 61,760 |
| LTL | Litas Litwan | 3,4528 | RUB | Rouble Russu | 44,7644 |
| LVL | Lats Latvjan | 0,7074 | THB | Baht Tajlandiż | 45,994 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,5905 | BRL | Real Brażiljan | 2,9740 |
| RON | Leu Rumen | 4,2815 | MXN | Peso Messikan | 19,4155 |
| TRY | Lira Turka | 2,2140 | INR | Rupi Indjan | 65,4130 |

(1) *Sors:* rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

# INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

## Informazzjoni fil-qosor ikkomunikata mill-Istati Membri dwar għajnuniet mill-Istat mogħtija skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuniet mill-Istat lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001

(2009/C 58/04)

**Numru tal-XA:** XA 359/08

**Stat Membru:** Il-Finlandja/Åland

**Ir-reġjun:** Åland

**Titlu tal-iskema ta' għajnuna jew isem il-kumpanija li tirċievi l-għajnuna individwali:** Landskapsregeringens principer för ersättande av skördeskador som uppstått under odlingsåret 2007

**Bażi ġuridika:** Ålands landskapsregerings beslut från den 24.6.2008 (Dnr N26/08/1/11), Landskapslag om ersättande av skördeskador (ÅFS 72:1979); Article 11 of Commission Regulation (EC) No 1857/2006.

**In-nefqa annwali ppjanata skont l-iskema jew l-ammont kumplessiv tal-għajnuna individwali mogħtija lill-kumpanija:** L-ammont totali allokat għall-ħsara mġarrba fl-uċuħ fl-2007 hi ta' EUR 400 000

**L-intensità massima tal-għajnuna:** L-intensità massima tal-għajnuna totali hija ta' 35 % tal-ammont eliġibbli

**Id-data tal-implimentazzjoni:** L-għajnuna tingħata għall-ħsara mġarrba fl-uċuħ fl-2007. Id-deċiżjonijiet biex tingħata l-għajnuna ma għandhomx jittieħdu qabel it-12 ta' Awwissu 2008

**It-tul ta' żmien tal-iskema jew l-għotja ta' għajnuna individwali:** L-għajnuna għandha tingħata biss għall-ħsara mġarrba fl-uċuħ fl-2007. L-aħħar pagament għandu jsir sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2008

**L-għan tal-għajnuna:** L-għan tal-għajnuna hu li jitnaqqsu l-problemi ta' likwidità ta' bdiewa li sofrew telf bħala riżultat ta' ħsara lill-uċuħ ikkawżata minn avvenimenti klimatiċi avversi li jistgħu jiġu mxebbha ma' diżastri naturali skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006

**Is-settur(i) konċernat(i):** Kultivazzjoni tal-uċuħ

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Ålands landskapsregering
PB 1060
FI-AX 22111 MARIEHAMN
SUOMI/FINLAND

**Indirizz tal-internet:**

http://www.regeringen.ax/.composer/ls-prot/NARING/2008/N2608E04_220908.html

---

**XA Numru:** XA 362/08

**L-Istat Membru:** Franza

**Ir-reġjun:** Département de l'Hérault

**Titlu tal-iskema ta' għajnuna:** Aides aux investissements pour le traitement des effluents issus de l'activité agricole de l'Hérault

**Bażi legali:**

— L-Artikolu 4.3 (d) tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006,

— Articles L 1511-2 et L 1511-5 du Code général des collectivités territoriales

— convention cadre en cours d'élaboration entre le département et la région Languedoc-Roussillon

**Nefqa annwali ppjanata fil-qafas tal-iskema tal-għajnuna:** EUR 100 000

**Intensità massima tal-għajnuna:** Id-département ta' Hérault se jkopri sa 30 % tal-ispejjeż

**Data tal-implimentazzjoni:** 2008, suġġett għall-pubblikazzjoni tan-numru ta' reġistrazzjoni tat-talba għal eżenzjoni fuq is-sit tad-Direttorat Ġenerali tal-Agrikultura u l-Iżvilupp Rurali tal-Kummisssjoni

**Tul ta' żmien tal-iskema tal-għajnuna:** L-iskema tintemm fil-31 ta' Diċembru 2013

**Għan tal-għajnuna:**

l-għan huwa li jiġu megħjuna l-impriżi agrikoli, hu x'inhu s-settur tal-produzzjoni tagħhom, biex jinvestu fil-preservazzjoni u t-titjib tal-ambjent naturali skont l-Artikolu 4 (3) (d) tar-Regolament imsemmi hawn fuq. L-investiment proġettat għandu jagħmel possibbli l-iżolament u l-ipproċessar, skont il-metodi miftiehma, tal-iskart li jitlaħlaħ u jinħasel (l-effluenti) li jiġi mill-attività tal-impriża, ħlief l-investimenti meħtieġa skont ir-regoli Komunitarji eżistenti li għadhom ma ġewx introdotti, bħad-Direttiva tal-Kunsill (KE) 91/676 tat-12 ta' Diċembru 1991. Dan ma japplikax għall-effluenti li fihom prodotti fitosanitarji.

L-infiq eliġibbli jkopri prinċiparjament

— il-ħolqien ta' postijiet issiġillati fejn jinġabar l-ilma għall-evaporazzjoni u li tista' ssirilhom il-manutenzjoni (it-tkissir rotatorju tal-viċinat, il-ġestjoni tal-aċċess, l-installazzjoni f'żoni li ma jfurux bl-ilma …). Hawnhekk jinġabru l-effluenti tal-impriża li, bir-riħ u bit-temperatura, jevaporaw. B'hekk ma jkunx hemm ħela ta' likwidu li jmur fin-natura,

— l-installazzjoni tan-netwerks li jifirxu d-demel użati fuq l-art fejn saru analiżi agro-pedoloġiċi li juru l-kapaċità tagħhom biex jilqgħu l-effluenti inkwistjoni. Dawn l-analiżi jridu jintbagħtu lis-servizzi tal-Istat li jivvalidawhom qabel jibdew joperaw in-netwerks. Se tingħata attenzjoni sabiex in-netwerks ma jiġux imfixkla ma' dawk tal-irrigazzjoni minħabba li teknikament mhumiex kompatibbli,

— ix-xiri ta' tankijiet mobbli għat-trasport f'kundizzjonijiet siguri tal-ilma mniġġes lejn il-post fejn se jiġi trattat. Fil-fatt is-soluzzjonijiet t'hawn fuq jistgħu jkunu għaljin għall-impriżi ta' daqs żgħir (id-daqs medju tal-impriżi f'Hérault huwa inqas minn 15 ha). Għalhekk, is-sottokuntratt tat-trattament tal-effluenti tista' tkun l-aħjar soluzzjoni ekonomikament.

Il-Kunsill Ġenerali se jara li l-operazzjonijiet sempliċi ta' tibdil jitneħħew mill-applikazzjonijiet eliġibbli.

Mhi se tingħata l-ebda għajnuna lill-impriżi li jinsabu f'diffikultà.

L-ammont tas-sussidji pprovduti se jkun determinat skont l-operazzjoni, abbażi tal-ispiża stmata msemmija meta titressaq it-talba. L-għajnuna reali se tkun determinata meta jiġu ppreżentati l-fatturi. Id-Dipartiment ikun jista' jwettaq kontrolli fuq fuq id-dokumenti u fuq il-post.

Jekk l-ispejjeż reali tal-investiment huma inqas minn dawk stmati meta tressaq l-fajl lill-kumitat permanenti, l-għajnuna għandha titnaqqas proporzjonalment man-nefqa li saret tabilħaqq. Jekk bil-maqlub, l-għajnuna ma tiżdiedx

**Il-benefiċjarji tal-għajnuna u s-setturi konċernati:**

L-impriżi agrikoli kollha tad-Dipartiment ta' Hérault huma eliġibbli għall-għajnuna dipartimentali, hu x'inhu s-settur tal-produzzjoni tagħhom.

Il-kandidati jridu jwieġbu għad-definizzjoni Komunitarja tal-impriżi ż-żgħar u dawk ta' daqs medju, stipulata fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 800/2008

**L-isem u l-indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Conseil général de l'Hérault
Direction agriculture et développement rural
Hôtel de Département
1000, rue d'Alco
34087 Montpellier cedex 4
FRANCE

**Sit tal-Internet:**

http://herault.fr/Economie/agriculture/fiche_synthetique.pdf

http://herault.fr/Economie/agriculture/Regime_departemental_concernant_les_effluents.pdf

---

**Numru XA:** XA 390/08

**Stat Membru:** L-Italja

**Reġjun:** Commissariato di Governo per l'Emergenza brucellosi negli allevamenti bufalini in provincia di Caserta e zone limitrofe

**Titolu tal-iskema ta' għajnuna jew isem l-impriża benefiċjarja tal-għajnuna individwali:** Indennizzi connessi con l'attuazione del Piano Operativo per fronteggiare il rischio sanitario connesso alla diffusione della brucellosi negli allevamenti bufalini nel territorio della provincia di Caserta e zone limitrofe

**Bażi legali:**

Decreto del Presidente del Consiglio dei Ministri del 3 agosto 2007 e successivo Decreto del Presidente del Consiglio dei Ministri del 4 luglio 2008,

Ordinanza del Presidente del Consiglio dei Ministri del 21 Dicembre 2007 n. 3634 modificata con Ordinanza del Presidente del Consiglio dei Ministri del 28 maggio 2008 n. 3675,

Decreto Commissariale n. 4 del 6 maggio 2008 e Decreto Commissariale n. 10 del 31 luglio 2008,

Decreto Commissariale n. 21 del 22 ottobre 2008,

Decreto Commissariale n. 49 del 28 novembre 2008,

Decreto ministeriale del 27 dicembre 2007

**Nefqa annwali ppjanata taħt l-iskema jew ammont annwali kumplessiv tal-għajnuna individwali mogħtija lill-impriża:**

— kumpens imsemmi fl-Artikolu 3(1)(a) u (b) tal-OPCM (Ordni tal-President tal-Kunsill tal-Ministri) Nru 3634/2007, għal total ta' EUR 37 000 000, bħala għajnuna ta' darba,

— kumpens imsemmi fl-Artikolu 3(1)(c) tal-OPCM Nru 3634/2007, għal total ta' EUR 4 600 000, bħala għajnuna ta' darba

**Intensità massima tal-għajnuna:** 100 % tat-telf imġarrab

**Data tal-applikazzjoni:** Mid-data tal-pubblikazzjoni tan-numru tar-reġistrazzjoni tat-talba għall-eżenzjoni fuq is-sit elettroniku tad-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u għall-Iżvilupp Rurali tal-Kummissjoni Ewropea

**Tul ta' żmien tal-iskema jew tal-għajnuna individwali:** Sa tmiem l-istat ta' emerġenza ddikjarat bid-Digriet tal-President tal-Kunsill tal-Ministri tat-3 ta' Awwissu 2007 u l-emendi suċċessivi, stipulat bħala l-31 ta' Diċembru 2008; il-kumpens jista' jibqa' jingħata anki wara din id-data għall-qtil tal-bhejjem infettati jew għar-rikostituzzjoni tal-merħla żooteknika tal-azjenda. Fi kwalunkwe każ, ma għandhiex tingħata għajnuna wara erba' snin mill-identifikazzjoni tar-riskju tal-marda

**Għan tal-għajnuna:**

L-Artikolu 10(2):

— kumpens skont il-Liġi tad-9 ta' Ġunju 1964, Nru 615 u emendi u żidiet suċċessivi, mogħti lil partijiet eliġibbli għall-bhejjem maqtula skont l-Ordni tal-Ministeru tas-Saħħa tal-14 ta' Novembru 2006, nett minn kull dħul mill-bejgħ tal-laħam,

— kumpens ulterjuri b'qies għall-valur fis-suq fid-data li fiha toħroġ l-Ordni (il-21 ta' Diċembru 2007), kif imsemmi fil-gazzetta uffiċċjali ISMEA, nett minn kull kumpens mogħti skont il-Liġi tad-9 ta' Ġunju 1964, Nru 615, u emendi u żidiet suċċessivi, u nett minn kull dħul mill-bejgħ tal-laħam,

— telf ta' dħul minħabba l-konformità mal-obbligi tal-kwarantina u d-diffikultajiet tar-ripopolazzjoni.

L-iskema ta' għajnuna tirrikjedi t-tressiq ta' applikazzjoni min-għand il-benefiċjarju. L-għajnuna tingħata jekk il-verifiki mwettqa mill-awtoritajiet tal-gvern ikunu pożittivi. Kull benefiċjarju jiġi notifikat b'mod ċar bl-ammont tal-kumpens li għandu jingħata kif ukoll bil-metodi ta' kalkolu li ntużaw. L-għajnuna tingħata sakemm jispiċċaw il-fondi mwarrba mill-OPCM 3624/07

**Settur(i) konċernat(i):** Is-settur żootekniku.

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:** Commissariato di Governo per l'Emergenza brucellosi negli allevamenti bufalini in provincia di Caserta e zone limitrofe

**Websajt:**

It-test sħiħ tal-għajnuna u d-dokumentazzjoni relevanti huma disponibbli fl-indirizz:

http://www.sito.regione.campania.it/agricoltura/brucellosi/brucellosi.html

**Tagħrif ieħor:** Skont iċ-ċirkustanzi, l-istat tal-emerġenza soċjoekonomika ddikjarat fit-territorju tal-provinċja ta' Caserta u ż-żoni tal-madwar jista' jittawwal aktar 'il quddiem, permezz ta' Digriet tal-President tal-Kunsill tal-Ministri, sabiex jiġi indirizzat ir-riskju għas-saħħa tat-tixrid elevat tal-bruċellożi fl-azjendi tal-bufli

---

**Numru XA:** XA 411/08

**Stat Membru:** Ir-RenjuUnit

**Reġjun:** Great Britain and Northern Ireland

**Titlu tal-iskema tal-għajnuna jew isem il-kumpanija li qed tirċievi l-għajnuna individwali:** The Compulsory Scrapie Flocks Scheme 2008

**Bażi ġuridika:** The Transmissible Spongiform Encephalopathies (England) Regulations 2008

**Nefqa annwali ppjanata taħt din l-iskema jew l-ammont totali tal-għajnuna individwali mogħtija lill-kumpanija:** Fil-preżent, in-nefqa annwali taħt din l-iskema huwa stmat kif ġej:

| | |
|---|---|
| 2008-2009: | GBP 900 000 |
| 2009-2010: | GBP 900 000 |
| 2010-2011: | GBP 600 000 |
| 2011-2012: | GBP 600 000 |
| 2012-2013: | GBP 600 000 |
| 2013-2014: | GBP 600 000 |
| 2014-2015: | GBP 600 000 |
| Total: | GBP 4 000 000 |

**Intensità massima tal-għajnuna:**

l-intensità tal-għajnuna se tkun sa 50 % tal-ispejjeż relatati ma' kontrolli ta' saħħa, miżuri ta' tgħarbil, xiri u amministrazzjoni ta' tilqim u l-qtil u l-qerda tal-annimali li huma konformi ma' Artikolu 10.1 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006,

filwaqt li l-intensità tal-għajnuna skond Artikolu 10.2 għall-kumpens għat-telf tal-annimal minħabba l-marda għandu jkun sa' 100 % skont ir-Regolament (KE) Nru 1857/2006,

l-intensità tal-għajnuna għandu jkun sa 50 % għal testijiet għat-TSE u t-tneħħija ta' bhejjem mejta minħabba t-TSE skont Artikolu 16.1 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006

**Data tal-implimentazzjoni:** L-iskema se tibda fis-16 ta' Diċembru jew fid-data meta tiġi ppubblikata fuq is-sit tal-internet tal-Kummissjoni, skont liema tiġi iktar tard

**Tul ta' żmien tal-iskema jew tal-għotja tal-għajnuna individwali:** L-iskema se tibda fis-16 ta' Diċembru jew fid-data meta tiġi ppubblikata fuq is-sit tal-internet tal-Kummissjoni, skont liema tiġi iktar tard. L-għajnuna tibqa' tingħata taħt din l-iskema sal-31 Marzu 2015. L-aħħar pagamanti għandhom isiru fi żmien 90 ġurnata wara l-għeluq ta' din l-iskema

**Għan tal-għajnuna:**

L-iskema ser titħaddem skond l-Artikolu 10.1 u l-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006. L-iskema se toffri servizz ta' tgħarbil għan-nagħaġ u l-mogħoż fl-Ingilterra u l-Irlanda ta' Fuq għall-marda klassika Scrapie u Scrapie atipika. Il-marda Scrapie hija waħda mill-mard tal-annimali li nsibu fil-lista stabbilita mill-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali skont Artikolu 10.7 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006.

In-nefqa eleġibbli se tkun tinkludi t-tariffi għall-qtil tal-annimali, it-trasport tal-karkassi, it-tariffi li għandhom x'jaqsmu mar-rimi, it-teħid tal-kampjuni tad-demm u l-veterinarji, it-trasport tal-kampjuni u t-tariffi tal-laboratorju. L-għajnuna li se tingħata taħt din l-iskema għat-tgħarbil se tkun permezz ta' servizzi sussidjati u mhux se jkun hemm pagamenti ta' flus lill-produtturi direttament.

Ġaladarba jiġi konfermat każ ta' Scrapie, il-kumpens li jingħata taħt din l-iskema ikun skont Artikolu 10.2 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006. Il-kumpens jingħata skont il-valur fis-suq ta kull nagħġa u mogħża li tiġi meqruda bħala riżultat ta' azzjoni preventiva u ta' qerda kif mitlub mil-leġiżlazzjoni

**Settur(i) konċernat(i):** Din l-iskema tapplika għall-SMEs li huma attivi fil-produzzjoni tan-nagħaġ u tal-mogħoż

**Isem u Indirizz tal-awtorità li qed tagħti l-għajnuna:**

Defra
Area 5D, 9 Milbank
c/o Nobel House
17 Smith Square
London
SW1P 3JR
UNITED KINGDOM

**Indirizz tas-sit tal-internet:**

Iktar informazzjoni fuq l-iskema tinstab fuq dan is-sit tal-internet:

http://www.defra.gov.uk/animalhealth/managing-disease/NSPAC/

Il-link dirett huwa:

http://www.defra.gov.uk/animalhealth/publications/NSPAC/CSFS%20stateaid%20re-notification%20(v0%203)%2031%20Jul%2008%20(3)%20(3).pdf

**Tagħrif ieħor:** —

---

**Numru XA:** XA 420/08

**Stat Membru:** Spanja

**Reġjun:** Cataluña

**Titolu tal-iskema ta' għajnuna jew isem l-impriża li tirċievi l-għajnuna individwali:** Adaptación del plan piloto del contrato global de explotación

**Bażi legali:** Orden AAR/308/2007, de 9 de agosto, por la cual se adapta el plan piloto del contrato global de explotación al Decreto nº 50/2007, se aprueban las bases reguladoras de determinadas ayudas del plan piloto, se convocan las correspondientes al 2007, y se amplía el plazo de presentación de solicitudes de las ayudas convocadas por la Orden AAR/247/2007, de 4 de julio. (DOGC núm. 4959 de 31.8.2007) y proyecto de Orden por la que se modifica la Orden AAR/308/2007, de 9 de agosto

**Nefqa annwali ppjanata skont l-iskema jew ammont totali tal-għajnuna individwali mogħtija lill-impriża:** Ammont totali: EUR 420 000

**Intensità massima tal-għajnuna:**

Assigurazzjoni għall-produzzjoni agrikola. Sussidju ta' 5 %.

Titjib tal-kwalità tal-ikel. Intensità ta' 80 %-100 %.

Investiment fil-konservazzjoni tal-pajsaġġ. Intensità ta' 30 %-90 %, b'limitu massimu ta' EUR 20 000.

Investiment fit-titjib tad-djar. Intensità ta' 10 %-20 %, b'limitu massimu ta' EUR 6 000 jew EUR 9 000.

Servizzi ta' sostituzzjoni tal-bdiewa. Intensità ta' 70 %

**Data tal-applikazzjoni:** Il-21 ta' Diċembru, sakemm ikun ġie ppubblikat fil-websajt ta' DĠ AGRI flimkien man-numru tar-reġistrazzjoni tat-talba għal eżenzjoni pprovduta fl-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2008

**Tul ta' żmien tal-iskema jew tal-għajnuna individwali:** Sal-31.12.2009

**Għan tal-għajnuna:**

Assigurazzjoni għall-produzzjoni agrikola (Artikolu 12): It-tħeġġiġ tal-użu tal-assigurazzjoni agrikola min-naħa ta' sidien l-azjendi agrikoli.

Titjib tal-kwalità tal-ikel (Artikolu 14(2)(d)): It-tħeġġiġ tal-iżvilupp tal-prodotti agrikoli ta' kwalità distinti minħabba l-oriġini jew il-metodi ta' produzzjoni tagħhom. L-ispejjeż li jitnisslu mill-iskrizzjoni fil-kunsill regolatorju korrispondenti jew mill-kwoti annwali mħallsa lill-istess kunsill, jew l-ispejjeż taċ-ċertifikazzjoni fil-każ tat-"Tikketta Q", jiġu ssussidjati matul l-ewwel 5 snin, fuq bażi rigressiva.

Investiment fil-konservazzjoni tal-pajsaġġ (Artikolu 5(2) u 5(3)): It-tħeġġiġ tal-investimenti fil-konservazzjoni tal-wirt, pereżempju f'elementi arkeoloġiċi jew storiċi. L-ispejjeż eliġibbli huma dawk li jitnisslu mill-attivitajiet li ġejjin:

— l-applikazzjoni ta' kriterji marbutin mal-pajsaġġ għat-titjib jew il-kostruzzjoni ta' bini u stallazzjonijiet agrikoli,

— il-konservazzjoni u l-manutenzjoni tal-bini agrikolu tradizzjonali,

— ir-riabilitazzjoni sħiħa tal-ħitan tal-ġebel niexef li jinsabu f'qagħda ta' konservazzjoni ħażina,

— il-konservazzjoni tal-madwar tal-azjenda permezz taż-żamma tal-veġetazzjoni mat-truf, ta' ċnut kif ukoll ta' żoni iżolati ta' foresta,

— it-taħwil ta' siġar għall-integrazzjoni u/jew il-ħabi ta' bini b'impatt fuq il-pajsaġġ,

— it-tibdil jew l-armonizzazzjoni ta' sistemi ta' ċnut,

— it-tindif ta' skart illegali,

— it-trasferiment jew it-titjib ta' kontenituri jew ta' elementi oħra b'impatt fuq il-pajsaġġ,

— ir-riabilitazzjoni, is-sostituzzjoni jew it-twaqqigħ progressiv tal-istrutturi li jinsabu f'qagħda prekarja jew li mhumiex jintużaw,

— tipi oħra ta' investiment mhux speċifikati hawn fuq jistgħu jiġi koperti wkoll, sakemm jaqdu l-għan ta' din il-miżura, skont id-diskrezzjoni tal-awtorità responsabbli għall-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet imressqa.

Investiment fit-titjib tad-djar (Artikolu 4(4)(a) u 4(4)(c)): It-tħeġġiġ tal-investimenti li jsiru fid-dar abitwali tal-bdiewa, sakemm din tkun marbuta ma' proprjetà meħtieġa għall-bżonnijiet tal-attivitajiet agrikoli jew komplimentarji, u tinsab ukoll f'nukleu rurali ta' inqas minn 3 000 ruħ, jew inkella tinsab f'art li ma tistax tiġi żviluppata.

Servizzi ta' sostituzzjoni tal-bdiewa (Artikolu 15(2)(b)): It-tħeġġiġ tat-titjib tal-kwalità tax-xogħol u tal-ħajja tal-bdiewa li jiddedikaw ruħhom prinċipalment għall-agrikultura, b'appoġġ għall-provvediment ta' servizzi ta' sostituzzjoni tal-bdiewa u tal-ħaddiema tal-azjenda fil-każ ta' mard, maternità, vaganzi jew btala ta' kull ġimgħa

**Settur jew setturi benefiċjarji:** Is-setturi kollha. L-għajnuna tingħata lil azjendi agrikoli

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Departament d'Agricultura, Alimentació i Acció Rural
Generalitat de Catalunya
C/ Gran Via de les Corts Catalanes nºs 612-614
08007 Barcelona
ESPAÑA

**Indirizz tal-internet:**

https://www.gencat.net/eadop/imagenes/4959/07220095.pdf

http://www20.gencat.cat/docs/DAR/TR_Tramits/TR01_Ajuts_subvencions/TR01_05_Ajus_pendents_publicacio/Documents/Fitxers_estatics/2008_ordre_modificacio_ordre_aar3082007.pdf

**Tagħrif ieħor:** —

# INFORMAZZJONI DWAR L-ISPAZJU EKONOMIKU EWROPEW

# L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA EFTA

## Awtorizzazzjoni għall-għajnuna mill-Istat skond l-Artikolu 61 tal-Ftehim taż-ŻEE u l-Artikolu 1(3) fil-Parti I tal-Protokoll 3 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti

(2009/C 58/05)

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA ma tqajjem l-ebda oġġezzjoni għall-miżura li ġejja dwar l-għajnuna mill-Istat:

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni:** | 3 ta' Diċembru 2008 |
| **Numru tal-każ:** | 63928 |
| **Stat tal-EFTA:** | Norveġja |
| **Reġjun:** | Norveġja |
| **Titlu (u/jew isem il-benefiċjarju):** | Emendi għas-Sistema Speċjali tat-Taxxa Norveġiża għall-Bastimenti |
| **Bażi ġuridika:** | Artikolu 61(1) u 61(3)(c) |
| **Tip ta' miżura:** | Miżura fiskali |
| **Għan:** | Promozzjoni tas-settur marittimu |
| **Tip ta' għajnuna:** | Eżenzjoni mit-taxxa |
| **Baġit:** | Madwar EUR 220 000 000 |
| **Tul ta' żmien:** | Sal-2017 |
| **Setturi ekonomiċi:** | Settur marittimu |
| **Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:** | Ministeru tal-Finanzi<br>Akersg. 40<br>Oslo<br>NORVEĠJA |

It-test awtentiku tad-deċiżjoni, li minnu tneħħiet l-informazzjoni kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit tal-Awtorità tal-EFTA dwar is-Sorveljanza:

http://www.eftasurv.int/fieldsofwork/fieldstateaid/stateaidregistry/

**Awtorizzazzjoni ta' għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 61 tal-Ftehim ŻEE u l-Artikolu 1 (3) f'Parti 1 tal-Protokoll 3 tal-Ftehim tas-Sorveljanza u tal-Qorti**

(2009/C 58/06)

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA ma tqajjem l-ebda oġġezzjoni għall-miżura ta' għajnuna mill-Istat li ġejja:

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni:** | 10 ta' Diċembru 2008 |
| **Numru tal-każ:** | 65709 |
| **Stat tal-EFTA** | In-Norveġja |
| **Titlu (u/jew isem il-benefiċjarju):** | Estensjoni tal-iskemi relatati mal-Appoġġ tal-produzzjonijiet awdjoviżivi u l-Appoġġ tal-kumpaniji tal-produzzjoni tal-films sal-1 ta' Lulju 2009 |
| **Il-bażi legali:** | Ir-Regolament tat-28 ta' Lulju 2005 dwar l-appoġġ tal-produzzjonijiet awdjoviżivi u r-Regolament tat-18 ta' Settembru 2002 Nru 1017 tal-appoġġ tal-kumpaniji tal-produzzjoni tal-films |
| **Tip ta' miżura:** | Għotjiet |
| **L-għan:** | Promozzjoni tal-kultura |
| **Tip ta' għajnuna:** | Għotjiet diretti |
| **Baġit:** | Il-baġit ġenerali tal-Iskema li għandha x'taqsam mal-Appoġġ għall-produzzjonijiet awdjoviżivi jammontaw għal madwar NOK 290 miljun kull sena.<br>Sabiex l-iskema tappoġġja lill-kumpaniji tal-produzzjoni, hemm fondi allokati permezz ta' trasferiment ġenerali lill-Fond Norveġiż tal-Films |
| **Tul tal-iskema:** | Sal-1 ta' Lulju 2009 |

It-test awtentiku tad-deċiżjoni, li minnu tneħħiet l-informazzjoni kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit tal-Awtorità tal-EFTA dwar is-Sorveljanza:

http://www.eftasurv.int/fieldsofwork/fieldstateaid/stateaidregistry/

**Awtorizzazzjoni ta' għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 61 tal-Ftehim ŻEE u l-Artikolu 1 (3) f'Parti I tal-Protokoll 3 tal-Ftehim tas-Sorveljanza u tal-Qorti**

(2009/C 58/07)

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA ma tqajjem l-ebda oġġezzjoni għall-miżura li ġejja dwar l-għajnuna mill-Istat:

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni:** | 3 ta' Diċembru 2008 |
| **Numru tal-każ:** | 64556 |
| **Stat tal-EFTA:** | In-Norveġja |
| **Reġjun:** | — |
| **Titlu:** | Skema ta' Innovazzjoni bbażata fuq l-Injam |
| **Il-bażi legali:** | Baġit Annwali tal-Istat (St.prp. Nru 1 kapitolu 1149, punt 71), ittra ta' allokazzjoni annwali mill-Ministeru Irjali tal-Agrikoltura u Ikel indirizzata lil Innovation Norway, Dokument ta' Strateġija adottat mill-Ministeru tal-Agrikoltura u Ikel |
| **Tip ta' miżura:** | Skema ta' għajnuna |
| **L-għan:** | Sabiex jiżdied l-użu tal-injam u l-proffittabbiltà fis-settur tal-injam |
| **Tip ta' għajnuna:** | Għotjiet diretti |
| **Baġit:** | NOK 14-il miljun (approssimattivament EUR 1,75 miljun), Baġit annwali soġġett għal proċeduri parlamentari |
| **Intensità:** | Skont il-linji gwida |
| **Tul tal-iskema:** | 2008-2013 |
| **Is-Setturi ekonomiċi kkonċernati:** | Foresti u s-settur tal-injam |
| **L-isem u l-indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna awtorità:** | Ministeru tal-Agrikoltura u l-Ikel<br>PO Box 8007<br>0030 Oslo<br>IN-NORVEĠJA |
| **Tagħrif ieħor:** | — |

It-test awtentiku tad-deċiżjoni, li minnu tneħħiet l-informazzjoni kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit tal-Awtorità tal-EFTA dwar is-Sorveljanza:

http://www.eftasurv.int/fieldsofwork/fieldstateaid/stateaidregistry/

## Awtorizzazzjoni ta' għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 61 tal-Ftehim taż-ŻEE u l-Artikolu 1(3) f'Parti tal-Protokoll 3 tal-Ftehim tas-Sorveljanza u tal-Qorti

(2009/C 58/08)

L-Awtorità tal-EFTA dwar is-Sorveljanza ma tqajjem l-ebda oġġezzjoni għall-miżura li ġejja dwar l-għajnuna mill-Istat:

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni:** | Is-17 ta' Diċembru 2008 |
| **Stat tal-EFTA:** | In-Norveġja |
| **Każ Nru:** | 64333 |
| **Titlu:** | Skema ta' għajnuna għall-innovazzjoni SIVA |
| **Għan:** | Ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Innovazzjoni |
| **Forma ta' għajnuna:** | Is-servizzi huma disponibbli għall-SMEs bi prezz imnaqqas |
| **Baġit:** | Madwar NOK 75 000 000 |
| **Bażi ġuridika:** | Il-Baġit Statali, ittri/ittri ta' intenzjoni mill-Ministeru tal-Kummerċ u l-Industrija u l-Ministeru tal-Gvern Lokali u l-Iżvilupp Reġjonali |
| **Tul:** | Sa tmiem l-2013 |
| **Setturi ekonomiċi:** | Għajnuna orizzontali għall-SMEs |
| **Isem u indirizz tal-awtorità li qegħda tagħti l-għajnuna:** | SIVA — Selskapet għal industrivekst SF<br>Postboks 1253 Pirsenteret<br>7462 Trondheim<br>IN-NORVEĠJA |

It-test awtentiku tad-deċiżjoni, li minnu tneħħiet l-informazzjoni kunfidenzjali kollha, jinstab fuq:

http://www.eftasurv.int/fieldsofwork/fieldstateaid/stateaidregistry/

**L-Awtorità ta' Sorveljanza EFTA sabet li l-miżuri segwenti ma jikkostwixxux għajnuna skont it-tifsira tal-Artikolu 61 tal-Ftehim taż-ŻEE**

(2009/C 58/09)

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni:** | Is-26 ta' Novembru 2008 |
| **Numru tal-każ:** | 63948 |
| **Stat tal-EFTA:** | In-Norveġja |
| **Titlu (u/jew isem il-benefiċjarju):** | Allegata għajnuna lil H. Østervold AS |
| **Bażi legali:** | L-Artikoli 61(1), 8(3) u l-protokolli 3 u 9 ŻEE |
| **Tip ta' miżura:** | Il-bejgħ ta' artijiet |
| **Setturi ekonomiċi:** | Sajd |
| **Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:** | Bergen og Omland Friluftsråd<br>Hellebakken 45<br>5039 Bergen<br>IN-NORVEĠJA |

It-test awtentiku tad-deċiżjoni, li minnu tneħħiet l-informazzjoni kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit tal-Awtorità tal-EFTA dwar is-Sorveljanza:

http://www.eftasurv.int/fieldsofwork/fieldstateaid/stateaidregistry/

**Deċiżjoni biex tingħalaq l-investigazzjoni formali dwar l-iskema "Għajnuna reġjonali għat-trasport ta' injam ġej minn siġar żgħar msajġrin, li ma ġewx maqtugħin bis-sega, u li xi drabi jitħallew bil-qoxra"**

(2009/C 58/10)

Fid-29 ta' Ottubru 2008, l-Awtorità ddeċidiet li tagħlaq il-proċedura tal-invetsigazzjoni formali taħt l-Artikolu 1(2) f'Parti I tal-Protokol 3 tal-Ftehim bejn l-Istati EFTA dwar l-Istabbiliment ta' Awtorità ta' Sorveljanza u ta' Qorti tal-Ġustizzja li nbeda fil-11 ta' Ġunju 2008 fir-rigward tal-għajnuna Reġjonali għall-iskema dwar it-trasport ta' injam ġej minn siġar żgħar msajġrin, li ma ġewx maqtugħin bis-sega, u li xi drabi jitħallew bil-qoxra, fejn ġie rrekordjat li n-Norveġja kienet irtirat n-notifika tagħha fid-9 ta' Lulju 2008.

# Festi pubbliċi fl-2009: Stati ta' l-EFTA fiż-ŻEE u l-istituzzjonijiet taż-ŻEE

(2009/C 58/11)

| 2009 | L-Iżlanda | Il-Liechtenstein | In-Norveġja | L-Awtorità tas-Sorveljanza ta' l-EFTA | Il-Qorti ta' l-EFTA |
|---|---|---|---|---|---|
| L-1 ta' Jannar | X | X | X | X | X |
| It-2 ta' Jannar | | X | | | |
| Is-6 ta' Jannar | | X | | | |
| It-2 ta' Frar | | X | | | |
| Id-19 ta' Marzu | | X | | | |
| L-10 ta' April | X | X | X | X | |
| It-12 ta' April | X | X | X | X | X |
| It-13 ta' April | X | X | X | X | X |
| It-23 ta' April | X | | | | |
| L-1 ta' Mejju | X | X | X | X | X |
| Is-17 ta' Mejju | | | X | | |
| Il-21 ta' Mejju | X | X | X | X | X |
| L-1 ta' Ġunju | X | X | X | X | X |
| Is-17 ta' Ġunju | X | | | | |
| It-22 ta' Ġunju | | X | | | |
| It-23 ta' Ġunju | | | | | X |
| It-3 ta' Awwissu | X | | | | |
| Il-15 ta' Awwissu | | X | | | X |
| It-8 ta' Settembru | | X | | | |
| It-2 ta' Novembru | | | | X | X |
| It-8 ta' Diċembru | | X | | | |
| L-24 ta' Diċembru | | X | | | |
| Il-25 ta' Diċembru | X | X | X | X | X |
| Is-26 ta' Diċembru | X | X | X | X | X |
| Il-31 ta' Diċembru | | X | | | |